# "Hawn hu l-Iljun!" …f'għeluq is-sittin sena

*Leli Vella*
*Sydney, Awstralja*

Kienet is-sena 1957, eżattament sittin sena ilu, meta darba fost l-oħrajn iltqajna l-grupp tat-tejatrin bl-isem ta' *Shakespeare Memorial* u ddeċidejna li niġbru xi ħaġa tal-flus biex nixtru rigal u nippreżentawh lill-Każin Imperial. Peress li jien kont id-direttur f'dak il-mument, tawni l-kariga biex bil-flus li nġabru nixtri rigal. Dik il-ġurnata stess jien mort sal-Belt u rajt dan l-iljun. Tfajt għajnejja fuqu għax għoġobni ħafna u qtajtha li nixtrih. Kien is-sitta ta' Settembru. Ferħan ħa ntir kif kont, bqajt sejjer dritt fi Triq Sant'Anna minn fejn il-Banda Imperial kienet ser tibda l-marċ. Malli wasalt, sewwa sew kif il-Banda bdiet idoqq, jien bdejt ngħajjat "Hawn hu l-Iljun!" u minn hemm beda dan kollu.

Matul is-snin ħafna nies bdew jistaqsu xi tfisser din ta' "Hawn hu l-Iljun!". Jien dejjem irrispondejt li dak l-iljun għoġobni u ridt li kulħadd ikun jaf x'rigal tajna lill-Każin dik is-sena.

Minn hemm 'il quddiem l-għajta ta' "Hawn hu l-Iljun!" baqgħet tikber u żżid fil-popolarità. Saħansitra s-Surmast Ġanni Mamo snin wara kiteb innu marċ għall-Banda Imperial u semmieh "Ta' l-Iljun". Dan ġie ppreżentat lill-Banda Imperial u, kif jaf kulħadd, għadu popolari ħafna sal-lum u jindaqq f'kull opportunità li jkollha l-Banda Imperial.

Ħadt pjaċir naqsam magħkom din l-istorja qasira, speċjalment din is-sena meta din l-istorja ta' "Hawn hu l-Iljun!" tagħlaq sittin sena. Nispera li dawn il-kelmtejn għoġbu lilkom ukoll għax jitfgħu ftit dawl ta' kif bdiet l-għajta ta' "Hawn hu l-Iljun!".

